# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**ILLUM, 26 TA' APRIL 2022**

**Kawza Numru: 7**

**Rik. Gur. 52/2021 RGM**

**Il-Malta Association of Professional Engineers**
**(Trade Union Registrata bin-numru 311)**

**vs.**

**(1) Il-Bord tal-Professjoni tal-Inginerija,**

**(2) L-Av. Dr. Noel Camilleri qua Chairperson tal-Bord tal-Professjoni tal-Inginerija,**

**(3) Ing. Brian Micallef (K.I. Nru. 184687M),**

**(4) Ing. Samuel Bonanno (K.I. 1188M),**

**(5) Ing. Fabio Stivala (K.I. 448568M),**

**(6) Dr. Ing. Simon Fabri (I.D. 0233665M),**

**(7) Ing. Robert Schembri (I.D. 0222960M),**

**(8) Ing. Keith Chetcuti (I.D. 0248577M)**

**u b'digriet tal-15 ta' Ġunju, 2021, l-Professur Joachim James Calleja bħala rappreżentant ġudizzjarju u għan-nom tal-Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u Teknoloġija (MCAST) ġie awtorizzat jintervjeni *in statu et terminis.***

**Il-Qorti:**

Din tallum hija sentenza limitatament dwar l-eċċezzjoni preliminari enumerata bin-numru wieħed (1) fir-risposta ġuramentata tal-konvenuti Bord tal-Professjoni tal-Inġinerija, l-Av. Dr. Noel Camilleri qua Chairperson tal-Bord tal-Professjoni tal-Inġinerija, Ing. Fabio Stivala, Dr Ing. Simon Fabri, Ing. Robert Schembri u Ing. Keith Chetcuti preżentata fit-22 ta' Marzu 2021[1]li taqra kif ġej:

> ***1. Preliminarjament, il-lis alibi pendens billi l-istess talbiet fuq l-istess pretensjonijet diga' saru mill-istess atturi kontra l-istess intimati fil-kawza fl-istess ismijiet "Il-Malta Association of Professional Engineers (MAPE) vs Il-Bord tal-Professjoni tal-Inginerija et" (Rikors Guramentat 1091/20 MH) pendenti wkoll quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili).***

Fl-istess ħin qed jiġi wkoll deċiż ir-rikors tal-istess Bord tal-Professjoni tal-Inġinerija et. ukoll tat-22 ta' Marzu 2021[2] fejn essenzjalment qed jiġi invokat l-artikolu 792 tal-Kap. 12 li jitratta l-

[1] Paġna 135 tal-proċess
[2] Paġna 141 tal-proċess

eċċezzjoni tal-*lis alibi pendens* sollevata bl-eċċezzjoni preliminari mertu ta' din is-sentenza u qed jintalab li l-kawża odjerna tintbagħat quddiem il-Qorti li qegħda tisma' kawża oħra intavolata preċedentement għal dik odjerna fl-istess ismijiet bin-numru Rikors Ġuramentat 1091/20 MH "biex iż-żewġ kawżi jiġu trattati u deċizi flimkien."

L-Assoċjazzjoni attriċi ma taqbilx li jeżistu l-estremi tal-*lis alibi pendens* u għalhekk qed topponi li din il-kawża tintbagħat sabiex tiġi mismugħa u deċiża flimkien mal-kawża numru 1091/20 MH għar-raġunijiet minnha mogħtija f'risposta ippreżentata fl-14 ta' Mejju 2021.[3]

Semgħat it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza dwar l-eċċezzjoni tal-*lis alibi pendens*.

Ikkunsidrat;

L-eċċezzjoni preliminari li qegħda permezz tal-preżenti tiġi deċiża hija msejsa fuq l-**Artikolu 792 tal-Kapitolu 12** tal-Liġijiet ta' Malta bl-annotazzjoni '**Lis Alibi Pendens**' li jipprovdi illi:

[3] Paġna 139 tal-proċess

> Meta titressaq kawża quddiem qorti kompetenti, wara li tkun tressqet kawża oħra fuq l-istess oġġett quddiem qorti kompetenti oħra, il-kawża mressqa l-aħħar tista' tiġi mibgħuta lil dik il-qorti l-oħra.

Ġie mfisser illi :

> La *litis pendentia* si verifica quando due azioni identiche sono proposte davanti a giudici diversi. È necessario quindi che lo stesso diritto sia fatto valere in giudizio, tra le stesse parti, inanzi a due giudici diversi (identità di soggetti, petitum, causa petendi). Quando vengono proposte contemporaneamente due azioni identiche, il legislatore impone di eliminare uno dei due processi sulla stessa controversia, per evitare uno spreco di attività processuale e sopratutto il pericolo di un contrasto di giudicati.[4]

Fil-kawza **Anatoli Reznikov et. vs. Nikolai A. Kotivov pro et noe** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fl-24 ta' Marzu 1994 gie kkunsidrat illi:

---

[4] Diritto Processuale Civile: Edizioni Giuridiche Simone - 2000 pagni 43 – 44.

> The plea is somewhat parallel with the plea of exceptio rei judicatæ. Just as a suit cannot be decided upon more than once, so also there cannot be at the same time more than one judicial relation between the same persons on the same merit, because this would imply a plurality of decisions on the same issue. The effect of the plea of litis pendentia in the words of section 792 of the Code of Organization and Civil Procedure is that the court before which the second action is brought may order the suit to be remitted to the first court. In fact, doctrine and case law in the matter are to the effect that it is in fact mandatory for the court to declare its own incompetence ex officio if such plea is founded, in spite of the use of the word 'may' in the said section quoted herein. The essential condition for this plea is the identity of the two actions which results from the identity of all the elements thereof, i.e. the parties, the subjectmatter and the case of the demand.

Hija wkoll ġurisprudenza assodata illi l-Qorti tista' hija stess tissolleva *ex officio* l-eccezzjoni tal-*lis alibi pendens* meta jingieb a konjizzjoni tagħha li hemm proċedura oħra pendenti quddiem Qorti ohra rigwardanti l-istess mertu. L-eċċezzjoni tal-*litis pendentia* hija ta' ordni pubblika u hija ghalhekk li din l-eccezzjoni tista' tigi sollevata *ex officio*.

Sabiex tirnexxi l-eccezzjoni tal-*lis alibi pendens* iridu jissussistu flimkien tliet rekwiziti: (i) iz-zewg kawżi jridu jkunu bejn l-istess partijiet u dawn ikunu qegħdin jaġixxu fl-istess kwalità (eadem personae); (ii) iż-żewg kawżi jrid ikollhom l-istess suġġett (eadem res); (iii) it-talbiet fiż-żewg kawżi irid ikollhom l-istess *causa* (idem ius u eadem causa pretendi) u dawn iridu jirrizultaw *ictu oculi*.

Permezz ta' nota preżentata mill-Bord konvenut fit-28 ta' Jannar 2022 ġiet eżebita kopja tar-Rikors Ġuramentat numru 1091/20 MH u tar-Risposti Ġuramentati.

***Eadem Personae.***

Minn eżami tal-kopja tar-Rikors Ġuramentat numru 1091/20MH jirriżulta illi l-partijiet f'dik il-kawża huma l-istess partijiet fil-kawża odjerna.

Huwa minnu li b'digriet tal-15 ta' Ġunju 2021 l-MCAST ġiet awtorizzata tintervjeni i*n statu et terminis* fil-kawża odjerna.

Pero' kif ġie ritenut "Skond il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati, l-intervenjent "in statu et terminis" mhuwiex proprjament parti fil-kawza fis-sinifikat specifiku li l-espressjoni "parti" tircievi fil-konfronti tad-dispozizzjonijiet tal-Procedura Civili (art.959, 960.

961) li jirregolaw l-istitut ta' l-intervent f'kawza.." (**Ruth Brincat vs Awtorita' tal-Ippjanar** – Qorti tal-Appell – 7 ta' Mejju 2014).

Is-sentenza appena ċitata straħet fuq sentenza preċedenti mogħtija mill-Qorti tal-Appell Superjuri fl-20 ta' Mejju 2009 fl-ismijiet **Magri et vs Market Intelligence Services Co Ltd** fejn ġie deliberat is-segwenti:

> Fis-sentenza ta' l-10 ta' Novembru 1888 tal-Corte Civile Di Sua Maesta, Prim'Aula (Giudice di Sua Maesta` Luigi Ganado LL.D.), fl-ismijiet Negte. Luigi Paolo Vella Hass versus Vincenzo Camenzuli ed altri, intqal: "Le persone interessate in un giudizio, sia che il loro interesse le spinga a sostenere Ia domanda, sia che convenga loro di opporla, sono ammesse a prendere parte in tale giudizio, ma il loro intervento non ha l'effetto di essere, considerato ne` come attori né come convenuti, a differenza del chiamato in causa, il quale, per disposizione di legge, deve essere considerato come qualunque altro convenuto;"

Għalhekk il-fatt li l-MCAST ġie awtorizzat jintervjeni *in statu et terminis* ma jbiddilx min huma l-partijiet fiż-żewġ kawżi. Il-Qorti tqis għalhekk illi l-partijiet fiż-żewġ kawżi huma l-istess u għalhekk l-ewwel rekwiżit huwa sodisfatt.

**Eadem Res**.

Sabiex tintlaqa' l-eċċezzjoni tal-*lis alibi pendens* irid ukoll jirriżulta illi kemm l-ewwel kawża kif ukoll it-tieni kawża huma "fuq l-istess oġġett". L-istess oġġett għandha tinftiehem illi ż-żewġ kawżi għandhom mertu identiku u mhux sempliċement jixxiebaħ. Lanqas huwa biżżejjed li l-eżitu ta' l-ewwel kawża jista' jkollu effett fuq l-eżitu tat-tieni kawża għaliex għal tali eventwalita' hemm l-istitut tal-konnessjoni tal-kawżi ai termini tal-Artikolul 793 tal-Kap. 12.[5]

L-istess oġġett ifisser fi kliem ieħor illi kieku kellha tiġi deċiża waħda miż-żewġ kawżi qabel l-oħra, fil-kawża mhux deċiża tkun tista' tiġi eċċepita l-eċċezzjoni tar-*res judicata*.

Jeħtieġ għalhekk issa li jsir eżerċizzju komparattiv bejn l-oġġett tal-ewwel kawża mal-oġġett tal-kawża odjerna.

Fil-**kawża numru 1091/20MH** l-Assoċjazzjoni attriċi qed titlob *inter alia* li l-Qorti tiddikjara li **l-konvenuti kisru d-disposizzjonijiet tal-Att XXV tal-2020 - l-Att dwar Test tal-Proporzjonalita' Qabel l-Adozzjoni ta' Regolamentazzjoni Ġdida tal-Professjonijiet - peress li tikkontendi illi kuntrarjament għal dak li jesiġi l-Att imsemmi hija ma ġietx**

[5] Art. 793.(1) Meta bejn żewġ kawżi jew iżjed imressqin quddiem qorti waħda jkun hemm konnessjoni ta' suġġett, jew, meta d-deċiżjoni ta' waħda tista' tolqot d-deċiżjoni tal-oħra jew tal-oħrajn,il-qorti tista' tordna li d-diversi kawżi jiġu mismugħin flimkien.

**ikkonsultata mill-konvenuti fil-proċess ta' konsultazzjoni li l-Bord konvenut kien qed jagħmel bi preparazzjoni għall-emendi fl-Att dwar il-Professjoni tal-Inġinerija.** Dwar dan qed titlob ukoll li l-konvenuti jiġu kkundannati jħallsuha d-danni minħabba dan l-allegat ksur.

Fil-kawża odjerna **numru 52/2021 RGM** l-Assoċjazzjoni attriċi qed titlob *inter alia* li l-Qorti tiddikjara li l-konvenuti kisru d-disposizzjonijiet tal-Att XXV tal-2020 fuq imsemmi peress li **l-Assoċjazzjoni attriċi ma ġietx ikkonsultata mill-Bord konvenut dwar tibdiliet ippjanati fil-korsijiet tal-inġinerija offruti mill-MCAST sabiex gradwati minn dawn il-korsijiet ikunu jistgħu japplikaw għall-warrant ta' inġinier.** Dwar dan qed titlob li l-konvenuti jiġu kkundannati jħallsuha d-danni.

Ikkunsidrat;

Huwa mill-aktar evidenti illi l-mertu tal-ewwel kawża bl-ebda mod ma jista' jikwalifika bħala mertu identiku għal dak tat-tieni kawża. Il-konsultazzjonijiet, jew aħjar, l-allegat nuqqas ta' konsultazzjonijiet dwar l-emendi għal-liġi li tirregola l-professjoni tal-inġiniera ma humiex identiċi għall-konsultazzjonijiet ossia allegat nuqqas ta' konsultazzjonijiet dwar tibdil fil-korsijiet offruti mill-MCAST dwar l-inġinerija.

Jista' jkun li hemm xi forma ta' konnessjoni bejn il-mertu ta' waħda mal-mertu ta' l-oħra. Iżda dan ma jwassalx għall-mertu identiku kif jesiġi l-Artikolu 792 tal-Kap. 12 bil-kliem "l-istess oġġett".

Tant hu hekk illi huwa wkoll mill-aktar evidenti illi d-danni li l-Assoċjazzjoni attriċi qed tirreklama fl-ewwel kawża ma humiex l-istess danni li l-istess Assoċjazzjoni qed tirreklama fil-kawża odjerna.

Isegwi għalhekk mingħajr ħafna dilungar illi, kuntrarjament għal dak li eċċepixxa l-Bord konvenut u uħud mill-konvenuti, mhux minnu li l-kawża numru 1091/20MH u l-kawża odjerna numru 52/21RGM għandhom l-istess oġġett fit-termini tal-Artikolu 792 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Konsegwentment l-eċċezzjoni preliminari tal-*lis alibi pendens* mressqa mill-Bord konvenut et. ser tiġi respinta.

**Decide**.

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed tiċħad l-eċċezzjoni numru wieħed (1) mressqa mill-konvenuti Bord tal-Professjoni tal-Inġinerija, l-Av. Dr. Noel Camilleri qua Chairperson tal-istess Bord, Ing. Fabio Stivala, Dr Ing. Simon Fabri, Ing. Robert Schembri u Ing. Keith

Chetcuti permezz tar-Risposta Ġuramentata tagħhom tat-22 ta' Marzu 2021 fejn ġiet eċċepita l-eċċezzjoni tal-*lis alibi pendens*.

Għall-istess raġunijiet qed tiċħad ir-rikors tal-Bord tal-Inġinerija et. tat-22 ta' Marzu 2021

Bl-ispejjeż kontra l-istess Bord tal-Professjoni tal-Inġinerija et.

Tordna għalhekk li jitkompla s-smiegħ tal-kawża

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Registratur**